MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Numru. 199/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**SPETTUR SANDRO ZARB**

**KONTRA**

**CHARMAINE (CARMELA MARIA) ZAMMIT, ta' 41 sena, bint Joseph Louis u Margaret Rose nee' Cassar, imwielda Attard nar it-3 ta' Novembru, 1967, residenti fil-fond Cyrstal Clove, Appartament numru 2, Triq Dingli, Sliema, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 456967M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **CHARMAINE (CARMELA MARIA) ZAMMIT**, li giet akkuzata talli:

1. Nhar is-17 ta’ Lulju, 2006, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, minghajr l-awtorita’ legittima jew skuza ragonevoli, kellha fil-pussess taghha esplossiv, jew oggett li kellu marka jew tikketta li tindika li jkun, jew li tkun fih, esplossiv;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, dahhlet f’Malta esplossiv minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni jew licenzja ta’ importazzjoni valida mahruga mill-Ministeru responsabbli ghall-kummerc jew xi persuna awtorizzata mill-Ministru ghal dan il-ghan, importat f’Malta oggetti piroteknici mill-Bulgarija.

Rat li fl-istadju tal-interrogatorju l-akkuzata wiegbet li ma kinitx hatja ta’ l-akkuzi kif migjuba kontra taghha;

Rat ukoll li fl-gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni u wara l-verbal li sar mid-Difiza, accettatanti r-rizultanzi tad-DOK EOD accettanti li l-imputata qatt ma applikat lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-licenzja relattiva, l-Avukat Generali baghat id-debita Artikoli taht liema tista’, talvolta rizultanti mill-provi, tinstab htija. Tali Artikoli huma:

- L-Artikoli 25(1)(c), 2(b), u 4 tal-Kapitolu 405 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikoli 3(1)(b) u 8(a) ta’ l-Avviz Legali 242 ta’ l-2004 mahrug taht il-Kapitolu 117 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikoli 17, 23, 31 u 33 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll li moqrija l-Artikoli, l-imputata ma sabet ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ghaldaqstant il-provi kollha migjuba. Jirrizulta mill-istess stqarrija rilaxxata mill-akkuzata li hija verament dahhlet fil-bagoll fuq titjira materjal ta’ piroteknika. Illi r-rizultanzi tal-materjal importat f’Malta minn Charmaine Zammit kien accettat mid-Difiza kif jirrizulta mid-dokument EOD a folio 72.

Rat ukoll illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2008, l-akkuzata rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha, liema ammissjoni giet allura kkonfermata fin-nuqqqs ta' nota biex tirtira l-istess.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib lil **CHARMAINE (CARMELA MARIA) ZAMMIT** hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha, wara li rat:

- L-Artikoli 25(1)(c), 2(b), u 4 tal-Kapitolu 405 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 3(1)(b) u 8(a) ta' l-Avviz Legali 242 ta' l-2004 mahrug taht il-Kapitolu 117 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 17, 23, 31 u 33 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9, ikkunsidrat dwar il-piena zewg fatturi – l-ammissjoni ta' l-akkuzata, ikkonsidrat ukoll il-periklu li l-imputata qaghdet lilha nfisha u passiggieri ohra fih meta tellghet piroteknika fuq ajruplan, ghaldaqstant tikkundannaha ghal multa ta' hames mija u tnejn u tmenin Ewro, u hamsin Ewro centezmi (€582.50) li ghandhom jithallsu fi zmien gimgha(1) mill-lum;
Tordna d-distruzzjoni tal-piroteknika maqbuda, u tahtar ghal dan l-iskop lill-Kaptan Jeffrey Curmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------